A.L. 95 ta' l-1990

ATT TA' L-1975 DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA

(ATT NRU. XVI TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 4), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 47 ta' l-1972.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Awissu, 1990.

Jemenda d-Disa' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fid-Disa' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-partita 4 tagħha, għandha tiżdied din il-partita ġdida li ġejja:

"**5. Drittijiet għall-Użu — Internazzjonali**

L-abbonati jikkwalifikaw għal skont fil-volum fuq il-kont totali ta' użu fix-xahar, kif muri hawn taħt:

Gradi ta' Użu ta' Volum Segmenti	Perċentaġġ ta' Skont fix-Xahar %
0 – 5,000	XEJN
5,001 – 10,000	10
10,001 – 15,000	15
15,001 – 20,000	20
'Il fuq minn 20,000	25.".